# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# S.T.O. PRIM IMĦALLEF
# JOSEPH AZZOPARDI

## Illum il-Ġimgħa, 12 t'April 2019

**Kawża Nru: 26**

**Rikors Nru: 591/13 JA**

**Caren mart Dr Josef Preziosi, Annamaria mart John Spiteri Debono**

**vs**

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Caren Preziosi u Annamaria Spiteri Debono preżentat fid-19 ta' Ġunju 2013 fejn ġie premess:

Illi r-rikorrent Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono flimkien mal-intimata Agnes mart Alfred Gera de Petri lkoll aħwa Testaferrata Bonici, huma ko-propjetarji ta' diversi beni mmobili konsistenti

f'artijiet u bini li jinsabu f'Malta u Għawdex u derivanti lilhom minn diversi provenjenzi, u ċjoe' ta' missierhom, ommhom, zijithom kif ukoll proprjeta' ddonata lillhom u proprjeta' mixtrija bejniethom flimkien.

Illi missier l-kontendenti, Lino Testaferrata Bonici miet fid-19 ta' Jannar tas-sena 1982. Il-wirt tiegħu hu regolat b'testament unica carta fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon tal-4 ta' Marzu 1964. Hu kien pussessur tal-primaġenitura Bonici li wara l-mewt tiegħu għaddiet in kwantu għan-nofs ($^1/_2$) indiviż lil Agnes Gera de Petri; kwantu għall-kwart ($^1/_4$) indiviż lil Caren Preziosi u r-rimanenti kwart ($^1/_4$) indiviż lil Annamaria Spiteri devono. Dawn il-propjetajiet primaġenjali huma deskritti kif ukoll mogħtija valutazzjoni fid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A' bl-ittri 'PG', liema dokument ġie redatt mill-periti imsemmija aktar 'il quddiem; Missier il-kontendenti ħalli r-rimanenza tal-proprjeta' tiegħu lil tlett uliedu f'sehem indaqs, u ċjoe' terz ($^1/_3$) indiviż lil kull waħda minnhom. Dawn il-proprjetatiet huma wkoll deskritti u mogħtija valutazzjoni fl-istess anness Dok 'A'.

Illi omm il-kontendendi, Maria Testaferrata Bonici mietet fl-erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena 1999 u l-wirt tagħha hu regolat b'żewġ testmenti. Fl-ewwel testment *unica carta* tal-erba' (4) ta' Marzu 1964 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon innominat bħala eredi universali tagħha t-tlett itfal tagħha Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Dottor Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono. Fit-tieni testment tagħha fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-28 ta' Mejju 1998 hi kkonfermat bħala l-uniċi eredi lit-tlett itfal tagħha Agnes Gera de Petri, Caren Preziosi u

Annamaria Spiteri Debono f'sehem indaqs ċjoe' terz ($^1/_3$) indiviż lil kull waħda minnhom. Dawn l-proprjetajiet huma deskritti u mogħtija valutazzjoni fl-istess anness Dok 'A'.

Illi z-zija tagħhom Beatrice Testaferrata Moroni Viani, xebba, mietet fid-9 ta' Lulju 2007. A tenur tal-aħħar testment tagħha fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima tas-6 ta' Lulju 2007 hi nnominat bħala eredi universali tagħha lil Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Dottor Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono f'sehem indaqs, u ċjoe' terz ($^1/_3$) indiviż lil kull waħda minnhom. Dawn l-proprjetajiet huma deskritti u mogħtija valutazzjoni fl-istess anness Dok 'A'.

Illi l-propjetatjiet akkwistati b'xiri u b'donazzjoni minn Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Dottor Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono f'sehem indaqs, u ċjoe' terz ($^1/_3$) indiviż lil kull waħda minnhom. Dawn l-proprjetajiet huma deskritti u mogħtija valutazzjoni fl-istess anness Dok 'A'.

Illi l-provenjenza ta' dawn l-assi ereditarji u tal-proprjeta' akkwistata b'xiri u b'donazzjoni huma murija fid-Dokument dawn anness u mmarkat bħala Dok 'B'.

Illi r-rikorrenti ma jixtiequx jibqgħu fil-komunjoni fil-proprjetatjiet kif għandhom id-dritt *ai termini* tal-artikolu 496 tal-Kap 16.

Illi l-kontendenti fthemu li jinkarigaw żewġ periti: ir-rikorrenti nkarigaw lill-

Perit A.I.C. Albert Borg Costanzi waqt illi l-intimata nkarigat lill-Perit A.I.C. Godwin J. Aquilina sabiex flimkien jispezzjonaw u jidentifikaw d-diversi proprjetajiet li tagħhom huma ko-proprjetarji l-partijiet u jagħmlu valutazzjoni u deskrizzjoni tagħhom.

Illi f'Marzu tas-sena 2011 il-periti bdew bl-inkarigu tagħhom u fil-15 ta' Jannar 2012 preżentaw ir-rapport konġunt hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'A'. Il-kontendenti qablu fuq il-valuri attribwiti lill-proprjetajiet mill-periti.

Ill l-partijiet ftehmu wkoll li d-diviżjoni trid issir b'tali mod illi 'l hekk imsejħin tlett id-djar il-kbar jiġu assenjati waħda f'kull prozjon: It-tlett idjar il-kbar huma 'Casa D'Amico' li tinsab Ħal-Lija, 'Torri Cumbo' li tinsab il-Mosta u 'Aedes Danielis' li tinsab iż-Zejtun; din tal-aħħar tifforma parti mil-primaġenitura.

Illi dwar ir-rimanenti proprjetajiet, li huma posseduti ugwalment bejn il-kontendenti, il-partijiet ftehmu li kull porzjon għandu jkun kompriż, sa fejn hu possibbli minn mixgħela ta' proprjetajiet urbani (kemm residenzjali kif ukoll kummerċjali); proprjetajiet rurali u proprjetajiet żviluppabbli (*building sites*) hekk kif identifikati u deskritti mill-periti.

Illi fl-20 ta' Lulju l-kontendenti ltaqgħu biex jiddiskutu u jiffurmaw il-porzjonijiet tal-proprjetajiet. Il-kontendenti ftehmu li jħallu barra mid-diviżjoni l-għalqa magħrufa ta' Harop fil-limti tal-Gudja u l-qabar li jinsab fiċ-ċimiterju magħruf bħala l-Addolorata.

Illi sussegwentament saru diversi inkontri u tentattivi bejn il-kontendenti sabiex jiftehmu fuq il-porzjonijiet, iżda għal-diversi raġunijiet ma setax jintlaħaq ftehim dwar il-mod kif kellha ssir id-diviżjoni.

Illi oġġettivament fl-umli opinjoni tar-rikorrenti l-propjeta' komuni hija komodament diviżibbli u dan billi d-diviżjoni tat-tlett id-djar u l-primaġenitura għandha ssir skont kif muri fl-annessi Dok 'C1', Dok 'C2' u Dok 'C3'. Illi r-rikorrenti Annamaria Spiteri Debono għandha dritt t'ozzjoni skont l-artikoli 503 tal-kap 16 tal-liġijiet ta' Malta, peress li tippossjedi proprjeta' li hija kontigwa mal-fond 'Aedes Danielis' Zejtun fejn effettivament tabita. Għal din ir-raġuni l-proprjeta' elenkata fid-Dok 'C3' għandha tiġi assenjata lil Annamaris Spiteri Debono; dik fid-Dok 'C2' lil Caren Preciosi peress li hija tirresjedi f'dan il-fond u dik fid-Dok 'C1' lil Agnes Gera de Petri peress li hi tagħmel u żammet l-użu ta' Casa Aenea li tifforma parti minn Casa D'Amico – dan kif *del resto* kienu ftehmu l-kontendenti fl-ewwel laqgħa li kellhom fl-20 ta' Lulju 2012. Għar-rigward il-proprjetajiet l-oħra posseduti ugwalment, u ċjoe' dawk elenkati fl-annessi Dok 'D1', Dok 'D2', u Dok 'D3', dawn għandhom jittellgħu bix-xorti biex kull parti tieħu sehemha.

Tgħid għalhekk l-istess intimat il-għaliex, għar-raġunijiet premessi m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-propjeta' immobiljari komuni hija komodament diviżibbli, tordna d-diviżjoni tal-proprjeta'

eżistenti bejn il-kontendenti;

2. Tordna illi d-diviżjoni tat-tlett idjar kbar: Casa D'Amico, Lija; Torri Dumbro, Mosta u Aedes Danielis, Zejtun u l-beni primaġenjali ssir skont kif indiklat fid-Dokument 'C1', 'C2', 'C3' u l-proprjeta' elenkata fid-Dok 'C1' tiġi assenjata lill-intimata; dik fid-Dok 'C2' lir-rikorrenti Caren Preziosi u dik fid-Dok 'C3' lir-rikorrenti Anna Maria Spiteri Debono jew b'mod ieħor illi tordna l-Qorti;

3. Tordna illi d-diviżjoni tal-proprjeta' rimanenti ssir b'tali mod illi kull parti jkollha fil-porzjon tagħha, sa fejn hu possibbli, proprejatjiet urbani (kemm residenzjali, kif ukoll kummerċjali), rurali u żvilupabbli (*building sites*) minn kull parti ta' Malta u Għawdex hekk kif indikat fid-Dokumenti 'D1', 'D2' u 'D3', jew b'mod ieħor illi tordna l-Qorti liema porzjonijiet għandhom jittellaw bix-xorti b'dana pero' illi Agnes Gera de Petri tieħu sehemha mill-primaġenitura u l-ekwiparazzjoni jekk ikun il-każ mill-beni primaġeniali stess kif suppost, minn liema għandha nofs ($^1/_2$) u mhux mill-proprjeta' li hija ugwalment ipposseduta (ie $^1/_3$ kull wieħed) bejn l-kontendenti u li ma tiffurmax parti mill-istess beni primaġeniali.

4. Tinnomina jekk ikun hemm bżonnn għall-fini tat-talbiet Nru2 u Nru 3, perit tekniku għat-tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni;

5. Tinnomina Nutar u kuratur għall-eventwali kontumaċja u tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata nġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq li ġiet ippreżentata fid-19 ta' Lulju 2013 fejn ġie eċċepit:

Illi, **dwar l-ewwel paragrafu tar-rikors promotur**, ma hux kontestat li r-rikorrenti Caren Preziosi, Annamaria Spiteri Debono, u l-eċċipjenti Agnes Gera de Petri, lkoll aħwa Testaferrata Bonici, huma ko-proprjetarji ta' diversi mmobbli konsistwenti f'artijiet u bini li jinsabu f'Malta u Għawdex u derivanti lilhom minn diversi provenienzi, u ċjoe' ta' missierhom, ommhom, zijiethom Beatrice Testaferrata Moroni Viani kif ukoll proprjeta' ddonata lilhom u proprjeta' mixtrija bejniethom flimkien; Irid pero' jiġi preċiżat li r-rikorrenti f'din il-kawża ma jinkludux l-immobbili kollha li l-kontendenti wirtu mill-imsemmijin missierhom, ommhom u zijiethom, dan kif jiġi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. L-eċċipjenti f'dan l-istadju tagħti bħala eżempju ta' proprjeta' immobili li tħalliet barra, l-imobbili kollha li ġew lilhom mill-hekk imsejħin primoġenituri appartenenti lill-familja Testaferrata Moroni Viani u li dan l-assi sostanzjali jikkonsisti f'xi ħames mitt *item* ta proprjeta' urbani, rurali, siti ta' kostruzzjoni u ċnus (liema proprjetajiet huma fil-proċess ukoll li jiġi divisi u liema kawża għad-diviżjoni hija pendenti quddiem din il-Qorti diversament prejeduta rikors Nru 378/2010) u proprjeta' immobili oħra li l-kontendenti wirtu mingħand missierhom. L-eċċipjenti tinnota li r-rikorrenti naqsu li jindikaw li l-

kontendenti huma ukoll ko-propjetarji ta' oġġetti mobbli varji nkluż ukoll ishma f'kumpanija Shane Limited hekk kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u li ukoll huma derivanti minn provenjenzi differenti imma li huma wirtu minn ommhom, missierhom u/jew zijithom Beatrice Testaferrara Moroni Viani;

Illi wkoll, **<u>dwar l-ewwel paragrafu tar-rikors promutur</u>**, l-eċċipjenti, tinnota li r-rikorrenti naqsu li jindikaw li l-kontendenti huma wkoll ko-proprjetarji ta' universalita ta' immobili magħrufa bħala l-Primoġenitura Bonici li hija propjeta tal-eċċipjenti, in kwantu għal nofs sehem, u liema sehem kien tagħha bil-liġi u mhux minn wirt. In-nofs sehem l-ieħor kien imħolli lir-rikorrenti f'sehmijiet ugwali bejniethom permezz ta' legat kontenut fit-testment tal-kompjant missierhom Lino Testaferrata Bonici, in atti Nutar Rosario Frendo Randon tal-4 ta' Marzu 1964; Din l-universalita ta' Proprjeta' għalhekk, sa fejn jikkonċerna l-eċċipjenti, ma hix inkluża fil-wirt ta' missierha l-Baruni Lino Testaferata Bonici;

Illi, **<u>dwar it-tieni paragrafu tar-rikors promutur</u>**, ma hux kontestat li missier il-kontendenti, l-Baruni Lino Testaferrata Bonici miet fid-19 ta' Jannar 1982 u li wirt tiegħu hu regolat b'testment *unica carta* fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon tal-4 ta' Marzu 1964. L-eċċipjenti, dwar ir-rimanenti ta' dak sottomess mir-rokorrenti, tindika li dak hemm sottomess huwa *erroneo* fil-fatt u fil-liġi. Ma hux minnu li l-Primaġenitura Bonici għaddiet lill-eċċipjenti wara l-mewt ta' missierha. L-eċċipjenti kienet il-Vocata skont l-Att 12 tal- 1950, Kap 130 tal-Liġijiet ta; Malta – Artikolu 3 (a), kienet hi li kellha f'idejha s-sehem ta' nofs il-Primoġenitura. Missierha,

fuq dan in-nofs, kellu biss użufrutt li mal-mewt tiegħu spiċċa, u għalhekk f'dik il-ġurnata is-sehem tal-eċċipjenti fil-Primaġenitura ġie lliberat min dak l-użufrutt. Dwar is-sehmijiet rimanenti, ċjoe' kwart kull wieħed lir-rikorrenti, dawn akkwistawh mhux bħala werrieta imma permezz ta' Legat speċifiku. Infatti, l-assi immobiljarju ta' missier il-kontendenti qatt ma kien jinkludi n-nofs sehem tal-Primaġenitura Bonici li kien bil-liġi proprjeta' tal-eċċipjenti mat-twelid tagħha. L-eċċipjenti għalhekk tiddikjara li s-sehem tagħha ta' nofs tal-immobbli kkontenuti fil-Primaġenitura Bonici ma humiex parti mill-assi ereditarju ta' missierha iżda tagħha direttament. Dan huwa wkoll ikkonfermat mid-dikjarazzjonijiet testamentarji ta' missierha fejn qal: *"it-testatur in vista tal-fatt illi l-imsemmija bintu Agnes in forza tal-Att tnax tal-elf disa' mija u ħamsin tkun propjetarja bħala vocata immedjata f'nofs indiviż tal-beni komponenti l-primaġenitura Bonici ..."*

Illi wkoll fir-rigward **it-tieni paragrafu tar-rikors promutur**, ma hux minnu li d-dokument 'A' anness mar rikors promutur jinkludi fih l-assi immobiljarju ereditarju kollu ta' Lino Testaferrata Bonici u dan hekk kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; Naturalment wieħed kien jippretendi li issir valutazzjoni u deskrizzjoni tal-propjeta kollha ereditarja tal-imsemmi Lino Testaferrata Bonici u dan f'lista separata u kompleta u mhux bħalma hi d-Dokument 'A', u ċjoe' lista ta' konfużjoni ta' assi seperati u distinti u inklużi assi li huma appartenenti lil soċjetatjiet u li l-anqas ma huma parti minn din il-kawża.

Illi **dwar it-tielet paragrafu tar-rikors promutur**, ma hux kkontestat li Beatrice Testaferrata Moroni Viani mietet fl-9 ta' Lulju 2007 u li l-wirt

tagħha hu regolat bit-testmenti ċitat. Pero' ma hux minnu li d-dokument 'A' anness mar rikors promutur jinkludi fih l-assi mmobiljarju ereditarju kollu ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani u dan hekk kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; Naturalment wieħed kien jippretendi li ssir valutazzjoni u deskrizzjoni tal-propjeta kollha ereditarja tal-imsemmija Beatrice Testaferrata Moroni Viani u dan f'lista separata u kompleta u mhux bħalma hi d-Dokument 'A', u ċjoe' lista ta' konfużjoni ta' assi separati u distinti u inklużi assi li huma appartmeneti lil soċjetajiet u li l-anqas huma parti minn din il-kawża. Jiġi notat, dwar il-wirt ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani, li dina fit-testment tagħha għamlet diversi legati u jekk ser issir id-diviżjoni tal-wirt tagħha jeħtieġ li qabel xejn l-legati mħollija minnha, speċjalment fejn ma hemm l-ebda kontestazzjoni, jiġu assenjati. *Inoltre* għad hemm kawża pendenti quddiem, l-Onorabbli Qorti tal-appell sabiex tiddetermina l-estenzjoni ta' dawn il-legati.

Illi, **fir-rigward il-ħames paragrafu tar-rikors promutur**, Naturalment wieħed kien jippretendi li kien ikun xieraq li jsiru listi separati u kompleti li jindikaw deskrizzjoni u valutazzjoni tal-proprjetajiet akkwistati mill-kontendenti b'donazzjonijiet u lista oħra separata għal proprjeta' mixtrija. Dawn m'għandhomx jiġu konfużi ma proprjetajiet li ġejjin minn wirt u diviżi ma proprjeta' ereditarja. Hemm ukoll valutazzjonijiet, fid-Dok A'', globali għal proprjetajiet distinti li ġejjin minn provenjenzi differenti.

Illi, **fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors promutur**, ir-rikorrenti jippruvaw, bħal ma jagħmlu tul ir-rikors kollu, jagħtu l-impressjoni li assi separati ereditarji huma kollha nklużi fil-mertu tar-rikors tagħhom. Huwa

ċar, jekk ukoll kif jiġi ppruvat wat it-trattazzjoni tal-kawża, li dan ma hux minnu, għax kif intqal, ħafna aspetti tal-assi ereditarji differenti tħallew barra, u ukoll ir-rikorrenti jippruvaw jħalltu assi ma' ieħor, provenjenza ma' oħra, xiri ma' wirt, donazzjoni ma' xiri, donazzjoni ma' wirt; Illi, l-esponenti fiż-żmien qasir mogħtija lilha biex tirrispondi għar-rikors promutur ma kellhiex l-opportunita tivverfika fid-dettall il-provenjenzi ndikati mir-rikorrenti hekk skont id-dokument 'B' u għalhekk tirriserva li tikkummenta dwarhom waqt l-andament tal-kawża; per eżempju, huwa ċar li l-provenjenza għal dak li jirrigwarda l-universalita' tal-immobbli kkontenuta fil-primoġenitura Bonici ma hix korretta għaliex l-eċċipjent ma wirtietx is-sehem tagħha mingħand missierha. Is-sehem tagħha ġie lilha direttament fit-termini tal-primoġenitura permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Att 12 l-*actio de commune dividendo* huma azzjonijiet separati li ma kellhomx jitħalltu flimkien;

Illi, **<u>fir-rigward tat-tmien paragrafu tar-rikors promutur</u>**, minkejja li huwa minnu li l-partijiet kienu nnominaw il-periti sabiex jgħamlu valutazzjoni ta' diversi proprjetajiet, dan l-inkarigu sar fil-kuntest ta' trattattivi u medjazzjoni mingħajr preġudizzju; il-proposta li ssir diviżjoni parzjali kienet qed tiġi esplorata immna ma kienx hemm qbil dwarha għaliex kollox kien soġġett li jkun hemm qbil fuq kollox. Fl-assenza ta' dak il-qbil ma jistax jiġi pretiż mill-atturi li kien hemm qbil mill-konvenuta li ssir diviżjoni parzjali. *Inoltre* hemm beni li kienu nklużi fl-eżerċizzju tal-istejjem u mhux qed jiġu nklużi fl-eżerċizzju tal-istejjem u mhux qed jiġu nklużi f'din l-azzjoni ta' diviżjoni; F'dak it-tentattiv ta' ftehim il-partijiet inkludew varji beni nkluż ukoll beni appartenenti lil soċjetajiet li kienu proprjeta' tal-

kontendenti, u dan sabiex *inter alia* l-eċċipjenti tkun tista' tasal fuq ftehim bonarju fir-rigward kawżi oħra pendenti quddiem din il-Qorti diversmant presjeduta li jikkonċernaw żewġ proprjetajiet partikolari. Illi, l-periti qatt ma kellhom xi nkarigu li jkunu huma li jidentifikaw proprjetajiet għad-diviżjoni. L-identifikazzjoni tal-proprjetajiet saret mill-partijiet bħala parti mill-medjazzjoni f'tentattiv li jintlaħaq ftheim imma saret kjarament mingħajr pre[udizzju u taħt kondizzjoni li tkun torbot biss jekk ikun hemm ftehim finali fuq kollox. Dan il-fatt ġie diversi drabi ribadit tul il-proċess kollu twil ta' medjazzjoni. Għalhekk hija sorpriża kbira għal konvenuta li dak li kien parti minn medjazzjoni u lli kien kompletament bla preġudizzju u li hija l-passi kostanti ta' dawn il-Qrati li ma ssir l-ebda riferenza fil-kors ta' kawża jinġieb 'il quddiem mill-atturi bħala bażi ewlenija ta' kawża minnhom proposta; In partikolari l-esponenti jattiraw l-attenzjoni ta' din il-Qorti għal-artikolu 27 tal-kap 474 u jirrilevaw li l-fatti kollha għal liema jagħmlu riferenza l-atturi huma fatti li ġraw fil-kors ta' medjazzjoni formali wara nomina ta' medjatur min din l-onorabbli Qorti diversament presjeduta u għalhekk ir-riferenza għal dak kollu li sar quddiem il-medjatur u d-dokumenti lilu sottomessi huma kollha inamissibbili f'dan il-ġudizzju u dak li qed jittentaw li jagħmlu l-atturi ma hux biss projibit mill-liġi iżda wkoll etikament skorrett.

Illi, **<u>fir-rigward tad-disa' paragrafu tar-rikors promutur</u>**, L-eċċipjenti taqbel li li-periti bdew l-inkarigu tagħhom fid-data msemmija u li għamlu r-rapport, pero' tirrileva li dak ir-rapport sar fil-proċess ta' medjazzjoni u huwa inamissibbli f'dawn il-proċeduri u dwar qbil ta' valuri issa li ma irnexxielhomx jaslu għal ftehim aħħari, l-eċċipjenti qed tirriserva l-

pożizzjoni tagħha. L-eċċipjenti ttenni li l-inkarigu li ngħata lil periti kienet waħda mifthiema bejn il-partijiet mingħajr preġudizzju u f'kuntest ta' medjazzjoni;

Illi, **fir-rigward tal-għaxar paragrafu tar-rikors promutur,** l-eċċipjenti tistagħġeb kif ir-rikorrenti jagħmlu riferenza għal trattativi li saru mingħajr preġudizzju quddiem medjatur innominat mill-Qorti u quddiem l-avukati tal-partijiet, u issa jipprovaw jaġġiraw id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi jikkwotaw negozjati mingħajr preġudizzju u jippruvaw jagħtu xi mpressjoni li kien hemm xi tip ta' ftehim li għandu jorbot wara li dawk it-trattativi mingħajr preġudizzju jkunu ukoll fallew. Li kienu kien hekk il-kunċett kollu ta' medjazzjoni, f'dan il-każ medjazzjoni taħt is-superviżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, u negozjati mingħajr preġudizzju, jintilef. Fir-rigward tat-tlett idjar, wieħed irid jinnota li Casa D'Amico kienet in parti mixtrija u in parti ġiet donata inter vivos lil kontendenti, Torri Cumbo ġiet fil-poter tal-Kontendneti bħala parti mill-wirt ta' missierhom, u Aeded Danielis kienet proprjeta' in kwantu għal nofs tal-eċċipjenti skont id-dispożizzjonijiet tal-att 12 tal-1950 u inkwantu għan-nofs l-ieħor dan kien ingħata b'legat lir-rikorrenti f'sehem ugwali bejniethom. Għalhekk wieħed josserva li dak it-tentattiv ta' ftehim kien wieħed li seta' jsir b'dan il-mod u l-eċċipjenti kinet lesta tikkunsidra di il-possibilita *purche* jintlaħaq ftehim fuq kollox, sfortunatament dan il-ftehim ma ntlaħaqx. *Inoltre* jiġi wkoll innotat li fil-kors tat-trattativi hija kienet għamlitha ċara li hija kellha dritt ta' pre-ozzjoni fuq Aedes Danielis u li kienet qed teżerċita dan id-dritt.

Illi, **fir-rigward tal-ħdax-il paragrafu tar-rikors promutur**, l-eċċipjenti

ittenni dak li ntqal fil-paragrafu tagħha preċedenti u ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti jkomplu jikkwotaw trattativi mingħajr preġudizzju u dak li ntqal waqt il-medjazzjoni taħt is-superviżjoni tal-Qorti. Minkejja li l-eċċipjenti tħoss li lanqas ma hemm għalfejn tikkumenta dwar osservazzjonijiet li kienu saru mingħajr preġudizzju u li ma messhomx ġew inklużi fir-rikors promutur, huwa naturali li wieħed jipprova jgħamel mixegħla ta' proprjetajiet urbani, rurali u żviluppati. Wieħed irid ukoll jieħu in konsiderazzjoni s-sehemijiet ta' kull parti u anki d-drittijiet li l-partijiet igawdu skont il-liġi u speċifikament skont l-artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi, **fir-rigward tat-tnax il-paragrafu tar-rikors promutur**, l-eċċipjenti ittenni dak li ntqal fil-paragrafu tagħha preċedenti u ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti jkomplu jikkwotaw trattativi mingħajr preġudizzju u dak li ntqal waqt medjazzjoni taħt is-superviżjoni tal-Qorti.

Illi, **fir-rigward tal-paragrafu tlettax tar-rikors promutur**, l-eċċipjenti ma taqbilx ma dak suġġerit. Il-laqgħat kienu qed isiru biex jintlaħaq ftehim fuq kollox u mhux fuq ħaġa waħda biss. *Inoltre*, dak li sar f'dawk il-laqgħat huwa konfidenzjali u ma għandux jifforma parti minn dawn il-proċeduri. Il-ftehim aħħari kellu jinkludi sija dak li kien jiġi diviż u sija dak li kien ħa jitħalla barra. Imma dan kellu javvera ruħu jekk dak il-ftehim jintlaħaq – ħaġa li ma saritx. It-trattavi mingħajr preġudizzju u l-medjazzjoni taħt is-superviżjoni tal-Qorti, kif jiġi kkonfermat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kif ikkonfermat mill-verbali ta' din il-Qorti diversament presjeduta Rikors Nru 798/2008 u rikors Nru 797/2008 verbal I tal-17 ta' Ġunju 2013 u tal-27 ta' Ġunu 2013 rispettivament, fallew. It-rikorrenti issa qed jippruvaw jagħżlu

aspetti tan-negozjati u proprjetajiet partikolari biss sabiex jissostanzjaw rikors odjern li huwa fil-fatt improponibbli skont il-liġi;

Illi, **fir-rigward tal-paragrafu numru 14 tar-rikors promutur**, wieħed jistagħġeb kif fl-istess nifs ir-rikorrenti jgħatu impressjoni li qed jissuġġerixxu xi ħaġa oġġettiva jew studjata minn min hu kompetenti jagħmel hekk, iżda jikkwalifikaw dan billi jgħidu li din hija l-*opinjoni tagħhom*. Fil-fatt ma jidhirx li l-proposti huma konfortati minn xi rapport ta' xi espert iżda biss għażla ta' parti. Huwa importanti li wieħed jirrileva li d-dokumenti C1, C2, C3, D1, D2, D3 huma biss selezzjoni ta' dak kontenut fid-Dok 'A'. Għal xi raġuni r-rikorrenti l-ewwel jgħatu impressjoni li Dok 'A' tikkomprendi l-assi totali in komuni bejn il-partijiet – dan ma hux minnu; imbagħad huma jkomplu biex jagħtu l-impressjoni li Dok 'C1', 'C2', 'C3', 'D1', 'D2' u 'D3' jinkludu għall-inqas l-proprjetatjiet kollha kontenuti fid-Dok 'A' – Dan ukoll ma hux minnu; Rigward id-dokumet 'C1', 'C2' u 'C3' dan jikkomprendi l-propjeta' li hija nkluża fil-Primoġenitura Bonici (Li nofs ma għandha x'taqsam xejn mal-wirt ta' missier il-kontendneti) u tisselezzjona żewġ proprjetajiet oħra, waħda akkwistata inter vivos (in parti xiri u in parti donazzjoni minn persuna estranja lil familja Testaferrata Bonici), u oħra li tifforma parti integrali u probabbilment prinċipali, mill-wirt ta' missier il-kontendenti. Wieħed ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti jippretendu fil-liġi li jħaltu ħaġa ma' oħra. Jiġi nnotat il-fatt li Anna Maria Spiteri Debono qiegħda tiċċita id-dritt ta' opzjoni tagħha skont Artikolu 503 tal-Kap 16 tal-Liġi ta' Malta u ma hix issemmi li l-eċċipjenti għandha wkoll dritt ta' ozzjoni skont l-istess artikolu u dan kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Jiġi rilevat ukoll, li Anna Maria Spiteri Debono tabita ġewwa

Aedes Danieles kontra l-volonta tal-eċċipjenti u tirriferi l-Qorti għar-rikors nru 797/2008 Prim' Awla; L-istess jingħad ukoll fir-rigward tat-Torri Cumbo fejn l-eċċipjenti wkoll għandha proċeduri pendenti kontra Caren Preziosi għaliex hi tabita fil-fond kontra r-rieda tal-eċċipjenti – ara rikors numru 798/2008 Prim 'Awla. Donnhom li r-rikorrenti jrdu bil-fors jgħażlu dak li jfettillhom u jgħamlu diviżjoni arbitrarja u mingħajr ebda bażi fil-liġi. Fir-rigward ta' dak li jgħidu fuq Casa d'Amico, l-eċċipjenti għandha ċ-ċwievet tal-post, li huwa porzjon żgħir ħafna mingħajr ġnien fuq in-naħa ta' wara ta' Casa D'Amico, u mhux xi Palazz bil-ġonna estensivi bħal dak li qed jusurpaw minnu r-rikorrenti, u li hija dejjem qalet lil ħutha li meta jridu jistgħu jieħdu huma wkoll iċ-ċwievet ma tagħmel ebda użu minn Casa D'Amico, u mhux xi Palazz bil-ġonna estensivi bħal dak li qed jusrupaw minnu r-rikorrenti, u li hija dejjem qalet lil ħutha li meta jridu jieħdu huma wkoll ċ-ċwievet ta' Casa Aenea. Infatti, l-eċċipjenti minkejja li għadha ċwievet ma tagħmel ebda użu minn Casa Aenea; Huma, naturalment, jippreferu li ma jieħduhomx sabiex jagħtu xi impressjoni li l-eċċipjenti qed tivvanta xi preferenza fuq Casa D'Amico. Ir-rikorrenti jgħatu l-impressjoni li kien hemm xi ftehim dwar min għandu jieħu liema dar. Dan assolutament ma hux minnu kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. L-eċċipjenti ittenni dak li qalet hawn fuq li tistgħaġeb kif ir-rikorrenti jikkwotaw possibbilitajiet kkontemplati mingħajt preġudizzju f'ambitu ta' medjazzjoni taħt awtorita' tal-Qorti u jgħidu li kien hemm xi ftehim. Naturalment, ir-rikorrenti ma jinfurmax il-Qorti dwar kemm il-darba l-eċċipjenti nfurmat lir-rikorrenti u l-medjatur u l-avukat tagħhom li hija kellha tagħżel riedet tagħżel Aedes Danielis. Sfortunatament, minkejja it-tentattivi twal tal-eċċipjenti, r-rikorrenti riedu jagħżlu dak li riedu u fl-istess ħin ma jirrikonoxxux ebda dritt

tal-eċċipjenti.

**II. Għalhekk l-eċċipjenti tissottometti li t-talbiet tal-atturi ma jistgħux jintlaqgħu minħabba:**

Illi l-eċċipjenti ġia għamlet riferenza għal-artikolu 27 tal-kap 474 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba l-pożizzjoni li ħadu l-atturi hija kellha bil fors tirrispondi għall-allegazzjonijiet minnhom magħmulha billi hekk hi marbuta li tagħmel bil-liġi. Pero', dan li jnaqqas xejn mill-pretenzjoni tagħha li r-riferenzi kollha għal dak li sar fil-proċess ta' medjazzjoni huma inamissibbli u għandhom jiġu sfilzati. Illi ċ-ċitazzjoni kif proposta hija improponibbli u għalhekk il-konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi din iċ-ċitazzjoni ma hijiex ċitazzjoni sempliċi għad-diviżjoni ta' eredita' jew ta' beni tenuti in komun imma hija ċitazzjoni għad-diviżjoni ta' xi oġġetti u f'liema l-partijiet gġandhom kwoti inugwali.

Illi l-atturi jippruvaw jagħtu l-impressjoni li kien hemm ftehim dwar dawk il-proprjetajiet li huma jsejħu d-djar billi jippretendi jaslu għax-xelta tagħhom kif dawn jiġu assejnati; fl-assenza ta' ftehim biex id-diviżjoni ssir b'dak il-mod l-azzjoni ma tistax tiġi proposta f'dawn it-termini; Fir-rigward jiġi ukoll rilevat mill-konvenuta li għalkemm kien hemm serje ta' laqgħat f'ambitu ta' medjazzjoni biex huma jaslu għall-ftehim dawn il-laqgħat u inkontri kollha saru taħt is-superviżjoni tal-Qorti u saru bla preġudizzju u kien ċar fl-aħħar tal-medjazzjoni li ftehim bejniethom ma ntlaħaqx dwar kif kellha ssir id-diviżjoni, u għalhekk l-atturi ma jistgħux jibbażaw iċ-ċitazzjoni

tagħhom fuq tentattiv ta' ftehim għad-diviżjoni;

Illi l-atturi qiegħdin jitolbu, mingħajr attwalment ma jitolbuha, id-diviżjoni ta' proprjeta' appartenenti lill-wirt ta' missierhom u ommhom; fir-rigward tal-azzjoni *familae erciscundae* jridu jidħlu l-beni kollha appartenenti għall-wirt u ma jistgħux l-atturi jkunu selettivi f'dan ir-rigward billi jgħażlu huma kif jidhrilhom dak li jridu li jiġi diviż jew le. Id-diviżjoni tal-wirt trid tkun diviżjoni tal-wirt kollu u mhux diviżjoni parzjali u selettiva kif qegħdin jippretendu l-atturi u għalhekk dawk it-talbiet kif proposti ma għandhomx jirnexxu. *Inoltre* l-esponenti tirrileva għall-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li t-talba hija għad-diviżjoni kif minnhom proposta u ma hemmx talba, kif solitu jsir fiċ-ċitazzjonijiet simili, sa biex tiġi konstata. Naturalment dan ma sarx għax mhux dak li jridu l-atturi, imma dak li jridu l-atturi ma hu mogħti lilhom bi dritt mill-liġi, u anke għalhekk l-azzjoni hija improponibbili.

*Inoltre* fid-diviżjoni proposta mill-atturi ġew inseriti proprjetajiet li ma għandhomx x'jaqsmu xejn mal-wirt tal-ġenituri tagħhom jew ma jifformawx parti minn dak il-wirt u għalhekk ma jistgħux jiġu konfusi fil-massa ereditarja. F'dan ir-rigward hemm anke il-parti mill-proprjeta' komuni erivanti mill-wirt ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani; jekk huma jixtiequ jaqsmu di il-proprjeta' huwa meħtieġ li ssir talba għad-diviżjoni tal-wirt tal-kompjanta Beatrice u ma jistgħux l-atturi jipproċedu bil-mod li qiegħdin jipproċedu;

Illi *inoltre* qiegħdin jintalbu d-diviżjoni ta' beni li ġew għand il-kontendenti

minn donazzjoni li ma hijiex relatata mal-wirt. Naturalment l-konvenuti għandhom id-dritt li din tiġi diviża seperatament mill-proprjeta' u beni l-oħra u ma tiġix konfuża fil-massa ereditarja;

Illi *inoltre* l-atturi nkludew proprjeta' mixtrija mill-kontendenti f'ishma ugwali bejniethom u anke dan l-oġġetti jridu jiġu diviżi separatament;

Illi l-atturi nkludew beni li ġejjin mil-primoġenitura Bonici. F'din il-primoġenitura l-konvenuta għandha nofs indiviż li mhux derivanti lilha mill-eredita' ta' missierha imma mill-att Nru 12 tal-1950 dwar ix-xoljiment tal-primoġenituri; għalhekk f'din il-massa ta' proprjeta', li tifforma universalita separata mill-wirt, il-konvenuta għandha n-nofs ġej lilha mill-primoġenitura waqt li l-atturi għandhom kwart kull wieħed u għalhekk din il-proprjeta' hija miżmuma f'porzjonijiet differenti mill-bqija tal-eredita' u trid tiġi diviża separatament; huwa daqsxejn stramb li l-atturi jippretendu li jieħdu proprjeta' b'sehem li jeċċedi il-valur tas-sehem tagħhom fil-primoġenitura u imbagħad minngħajr ebda problemi jitolbu li l-ekwiparazzjoni li għandha tieħu l-attriċi toħodhom biss mill-beni rimanenti tal-primoġenita. Kien ikun iżjded loġiku li din il-proprjeta' primoġenjali tiġi diviżi f'żewġ porzjonijiet ugwali waħda li għandha tiġi assenjata lill-konvenuta u n-nofs l-ieħor jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet oħra li jiġi assenjati waħda lil kull waħda mill-atturi b'mod li ma jkun hemm bżonn tal-ebda kompensazzjoni jew ekwiperazzjoni ferm żgħira.

Illi *inoltre* l-konvenuta għandha diversi drittijiet ta' pre selezzjoni kif jiġu ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża li qiegħdin jiġu njorati mill-atturi

fid-diviżjoni minnhom; dawn id-drittijiet ta' pre selezzjoni jitwieldu mill-artikolu 503 tal-kodiċi ċivili jirrigwardaw il-proprjetajiet elenkati fl-anness Dokument 'A'.

Illi jiġi rilevat li d-deskrizzjoni mogħtija lid-dokumenti 'A' mill-atturi erronea; Illi fid-dokument 'A' ma hemmx il-provenjenza separata tad-diversi proprjetajiet u hemm proprjetajiet derivanti lilhom mill-provenjenza imsemmija f'intestatura li ġew imħollija barra;

Illi d-dokument 'B', għalkemm l-atturi jgħidu li tindika ***'lista ta' proprjetajiet u l-provenjenza tagħhom li jippervenew lill-kontendenti b'donazzjoni u inxtraw bejniethom"*** din id-deskrizzjoni hija skorretta fis-sens li din hija lista u provenjenza ta' dak biss li huma għażlu li jdaħħlu fid-diviżjoni u tħalliet barra proprjetajiet sostanzjali; *Inoltre* parti mill-provenjenza mogħtija hija *erronea*.

Illi *inoltre* jekk id-diviżjoni għandha ssir allura irid qabel xejn jiġi konstata il-konsistenza tad-diversi ereditajiet u tad-diversi provenjenzi biex id-diviżjoni ssir skont il-liġi u mhux a pjaċir tal-atturi;

Illi stranament il-lista ta' beni li l-atturi poġġew in diviżjoni lanqas tirrifletti il-beni kollha li ġew stmati mill-periti fil-kors tal-medjazzjoni u anke għalhekk f'dan ir-rigward hija skorretta.

**III. Għalqastant l-intimata *inoltre* wkoll teċċepixxi suċċintement is-segwenti eċċezzjonijiet:**

i. In nullita' tal-azzjoni billi hija kjarament in violazzjoni ta' dak stabbilit kemm mill-artikolu 27 tal-kap 474 u huwa wkoll etikament inamissibbli għaliex l-azzjoni hija kompletament bbażata fuq diskors u tentatttiv ta' ftehim li sar waqt il-medjazzjoni ordnata mill-Qorti u li saret taħt is-superviżjoni tagħha in termini tad-digrieti u verbali fir-Rikorsi Nru 798/2008 u rikors Nru 797/2008 u liema medjazzjoni issa falliet u għalhekk l-eċċipjenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

ii. Illi l-*"Actio familiae eriscundae" u l-action se comuni dividendo* huma azzjonjiet separati u distinti u b'skopijiet differenti u l-azzjoni tar-rikorrenti hija inproponibbli għaliex tħallat kompletament l-*"Actio familiae eriscundae"* mal-*actio de comuni dividendo*.

iii. Illi ċ-ċitazzjoni kif proposta hija improponibbli u t-talbiet nulli u insostenibbili għaliex huma mmirati sabiex issir diviżjoni parżjali tal-wirt tal-kontendenti minn missierhom u l-eċċipjenti ma taqbilx li għandha ssir diviżjoni parzjali tal-wirt ta' missierha;

iv. Illi ċ-ċitazzjoni kif proposta hija improponibbli u t-talbiet nulli u insostenibbili għaliex huma mmirati sabiex issir diviżjoni parzjali tal-wirt tal-kontendenti minn missierhom u l-eċċipjenti

ma taqbilx li għandha ssir diviżjoni parzjali tal-wirt ta' missierha;

v. Illi ċ-ċitazzjoni kif proposta hija inproponibbli u t-talbiet nulli u insostenibbili għaliex huma mmirati sabiex issir diviżjoni parzjali tal-wirt tal-kontendenti minn għand zijithom, Beatrice Testaferrata Moroni Viani, u l-eċċipjenti ma taqbbilx li għandha ssir diviżjoni parzjali tal-wirt ta' zijithom;

vi. Illi ċ-ċitazzjoni kif proposta hija inproponibbili u t-talbiet nulli u insostenibbili għaliex huma mmirati sabiex issir diviżjoni tal-ġdid akkwistat minnhom *inter vivos* u l-eċċipjenti ma taqbix li għandha ssir diviżjoni mħallta ma' oġġetti oħra ġejjin minn diversi provenjenzi / wirt b'dan il-mod.

vii. Illi ċ-ċitazzjoni kif propsta hija inproponibbili u t-talbiet nulli u insostenibbili għaliex huma mmirati sabiex issir konfużjoni ta' ġid provenjenti minn wirt ma ġid provenjenti minn wirt ieħor u l-eċċipjenti ma taqbilx li għandha ssir tali konfużjoni;

viii. Illi ċ-ċitazzjoni kif proposta hija inproponibbili u t-talbiet nulli u insostenibbili għaliex huma mmirati sabiex issir diviżjoni tal-universitalita tal-assi hekk imsejħin tal-Primoġenitura Bonici ma' proprjeta' oħra li ma għandha x'taqsam xejn ma din l-universalita tal-assi, inkluż li r-rikorrenti qed jittantaw li jħalltu dan l-assi ma' assi li kien intiret minnhom jew li kien inxtara, u

li f'dawn tal-aħħar il-kontendenti għandhom sehmijiet differenti mis-sehmijiet li għandhom fl-universalita tal-beni msejħin Primoġenitura Bonici u li ukoll għalhekk din l-universalita ta' immobbili ma tistax tiġi imħalta ma immobili oħra;

ix. Illi l-eċċipjenti topponi ruħha għall-modalita' b'liema l-atturi qiegħdin jissuġerixxu li għandha ssir din id-diviżżjoni, u ċjoe' li din issir skont id-Dokument 'C1', 'C2', 'C3', 'D1', 'D2', 'D3' liema modalita hija abbusiva u manifestament intiża biex tisvantaġġja lill-eċċipjenti;

x. Illi l-eċċipjenti topponi ruħha għall-konfużjoni evidenti ta' provenjenzi differenti u dan ukoll billi l-partijiet apparti ma għandhomx l-istess ishma f'kull proprjeta';

xi. Illi ċ-ċitazzjoni kif proposta hija improponibbli u t-talbiet nulli u insostenibbli għaliex huma mmirati sabiex issir diviżjoni parzjali tal-ġid miżmum in komuni mill-partijiet, u l-eċċipjenti ma taqbilx li għandha ssir diviżjoni parzjali.

xii. Illi *inoltre* l-proposta tad-diviżjoni hekk kif ippreparat mill-rikorrenti ma hijiex skont il-liġi għaliex tassenja, mingħajr raġuni valida fil-liġi, proprjetajiet magħżula mir-rikorrenti lill-kumproprjetarji;

xiii. Illi *inoltre* l-proposta tad-diviżjoni ma hijiex skont il-liġi għaliex

ma' ssegwix il-prinċipji hekk kif stabbiliti mill-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

xiv. Illi *inoltre* il-proposta tad-diviżjoni ma hijiex skont il-liġi għaliex tassenja territorji sħaħ lil uħud mill-komproprjetarji meta dawn fil-fatt skons il-liġi kellhom jiġu diviżi;

xv. Illi *inoltre* il-proposta tad-diviżjoni ma hijiex skont il-liġi għaliex tonqos milli tieħu in konsiderazzjoni d-drittijiet ta' ozzjoni li għandha l-eċċipjenti fuq numru ta' proprjetajiet elenkati mir-rikorrenti fil-proposta tagħhom;

xvi. Illi fir-rigward ta' spejjeż dawn għandhom ibagħtuhom ir-rikorrenti għaliex l-azzjoni tagħhom kif dedottata hija inproponibbli; Illi sussidjarjament, jekk il-Qorti tipprosegwi b'xi forma ta' diviżjoni naturalment l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati kulħadd skont sehmu;

xvii. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

xviii. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit tar-raġel tal-konvenuta, <u>Alfred Gera de Petri</u> (fol 356 *et seq*, Vol. 2) u semgħetu fil-5 ta' Diċembru 2014 (fol 453 *et seq*, Vol. 2), fis-27 ta'

Marzu 2015 (fol 473 *et seq*, Vol. 2) u fid-19 ta' Ġunju 2015 (fol 499, Vol. 2), fit-13 ta' Novembru 2015 (fol 766 *et seq*, Vol. 3);

Semgħet lill-Avukat Dr Andrea Gera de Petri fil-5 ta' Diċembru 2014 (fol 465 *et seq*, Vol. 2);

Rat l-affidavit tal-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq (fol 470 *et seq*, Vol. 2);

Semgħet lill-attriċi Caren Preziosi fis-27 ta' Marzu 2015 (fol 487 *et seq*, Vol. 2);

Rat l-affidavit ta' John Spiteri Debono (fol 769 *et seq*, Vol. 3) u semgħetu fit-13 ta' Mejju 2016 (fol 805 *et seq*, Vol. 4) u fit-22 ta' Marzu 2017 (fol 854 *et seq*, Vol 4);

Semgħet lil Dr Albert Grech fl-14 ta' Ġunju 2017 (fol 878 *et seq*, Vol. 4) u fil-25 ta' Ottubru 2017 (fol 970 *et seq*, Vol. 4);

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta (fol 994 *et seq*, Vol. 4);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi (fol 1019 *et seq*, Vol. 4).

---

Din is-sentenza hija waħda preliminari, limitata għall-ewwel tmien (8) eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha.

---

**<u>Il-proprjetajiet immobbli mertu ta' din il-kawża ta' diviżjoni:</u>**

Illi l-atturi <u>Caren Preziosi</u> u <u>Annamaria Spiteri Debono</u> ppremettew li għall-ħabta tal-2011 huma u oħthom il-kbira, il-konvenuta <u>Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq</u>, (lkoll aħwa Testaferrata Bonici) kienu nkarigaw lill-periti Albert Borg Costanzi u Godwin J. Aquilina sabiex jispezzjonaw u jivvalutaw proprjetajiet li għandhom in komuni.

Mar-rikors ġuramentat tagħhom l-atturi ppreżentaw **Dok 'A'**[1] li jikkonsisti f'<u>deskrizzjonijiet</u>, <u>pjanti</u> u <u>valutazzjonijiet</u> magħmula mill-periti ta' numru ta' proprjetajiet (jew ishma minn proprjetajiet) li għandhom in komuni mal-konvenuta. Il-proprjetajiet elenkati f'**Dok 'A'** huma s-segwenti:

**<u>Urban Property:</u>**

| | |
|---|---|
| M1 | Flat 3, Briar Court, Howard Street, Sliema |
| M2 | Garage No 4 under Falcon House & garages in Amery Street, Sliema |
| M3 | Flat 1, "Grant", Triq il-Maħsel, St Thomas Bay, M'Scala |
| M4, 5 & **Acq 2** | 157, 158, 159, Strait Street, Valletta |
| M6 | ¼ share shop in 152, St Lucy Street, c/w Treasury Street, Valletta |
| M7 | 103B & 104 Old Bakery Street, Valletta |
| M13 | 1/24 of 29, 30, 31, Merchants Street, Valletta |
| M19 | Farmhouse in Ganni Bonavia Street, Zabbar |
| B1 | 15A, Felix Street, Valletta |
| B2 | Flat 1, Briar Court, Howard Street, Sliema |
| B3 No 3 | 144/2, Tower Rd, Sliema with underlying carspace |

[1] Fol 6 sa 233 (Vol. 1)

| | |
|---|---|
| B4 | 30, Magazine Street, c/w Mesquita Street, Mdina |
| L1 | Torri Cumbo & Farmhouse & its environs, Mosta |
| L2 | 164, Triq il-Kbira, Dingli |
| L4 | 39, 39A, Merchants Street, Valletta |
| L5 | 40, Merchants Street, Valletta |
| L6 | 164, St Lucy Street, Valletta |
| L7 | 165, St Lucy Street, Valletta |
| L8 | ¼ of 112, 113, 114, 116, 117, 118, Old Theatre Street c/w 68, 68A, 70 and 72 (formerly 71) Old Bakery Street, Valletta (**expropriated by Govt)** |
| L9 & M1 | $^{1}/_{8}$ share of 19, 20, St Simon Street, Xlendi, Gozo |
| PG1 | Aedes Danielis, Carlo Diacono Square, Zejtun |
| PG2 | 32, 33, Mater Boni Consilii Street, Zejtun |
| | **Acquired 1** Casa D'Amico, Main Street, Lija & its environs |
| Dealings Ltd 2 | Flat 5 "Grant" & garage, Triq il-Maħsel, St Thomas Bay, M'Scala |
| Dealings Ltd Flat 3&4 | Flat 7, St George's Crt, St Augustine Street, St George's Bay, St Julian's<br>Studio Flat 7A above |

<u>Building Sites</u>

| | |
|---|---|
| M6 | Land at "Ta' Wara Sant' Ang" in Zejtun |
| M8 | Plots 6 & 7, Triq il-Kapuċċini, Kalkara |
| M9 | Plot 4 "Tal-Misluta" Triq tal-Franċiż, c/w Triq il-Kwartin, l-Ibraġġ, Swieqi |
| M10 | Plot 4 G. Sandys Street, San Pawl tat-Tarġa, Naxxar |
| M16 & 17 | Plots 7 & 8, Ta' Xatt il-Qwabar, Marsa |
| M18 | Plot 14 at Ta' Xatt il-Qwabar, Marsa |
| B7 | Plot 8, Triq il-Kapuċċini, Kalkara |
| B8 | Plot 3 "Tal-Misluta" Triq il-Kwartin, l-Ibraġġ, Swieqi |
| B9 | Land Portion one of "Tas-Sidi tal-Ħawli" l/o Vittoriosa |
| B11 | Plot in Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun |
| B13 | Plots 11 & 12, Ta' Xatt il-Qwabar Street, Marsa |
| B14 | Plot in Ganni Bonavia Street, Żabbar |
| B16 | Plot of land "Ta' Żarp" in an un-named road off Sir Temi Zammit Street, Żebbiegħ, l/o Mġarr, Malta |
| L1 | Plots 2 & 6 Bontadini Street, Birkirkara |

| | |
|---|---|
| L4 | Plots 4 & 5 in Bradford Street, San Pawl tat-Tarġa, Naxxar |
| L2 | Plots 29 & 30, Michelangelo Sapiano Street, Luqa |
| L3 Urb. Prop. | 101/101A, The Strand, Sliema [2] |
| L3 | Land at "Tal-Loggia" l/o Qormi |
| L5 | Plot 2, Il-Wilġa tal-Imnieġel, Zabbar |
| L6 | Plot 6 & 7, Dun Salv Ciappara Str, Zebbug |
| L7 | Plot 2, Labour Ave, Naxxar |
| PG1 | Land tal-Kavallerizza, Marsaxlokk |

<u>Rural Property</u>

| | |
|---|---|
| M1 | Field "tad-Daħla" at Tal-Luq, l/o Rabat |
| M2 | Land at "Ta Sufa", Għarb, Gozo |
| M3 | Field at "Ta' Bardaxxin", l/o Żabbar |
| M4 | Land "Tal-istabar", l/o Għaxaq |
| M5 | 5/6 of land at Triq il-Qala, Nadur, Gozo |
| M11 | Land known as Ta' Harropp, l/o Gudja |
| M12 | Land at Tal-Ħofa sive Ta' Ċoffa, at Fiddien l/o Rabat, Malta |
| M14 | Tal-Ġonna tal-Palma, Rabat, Malta |
| M15 | Field tal-Ruman on Triq tal-Għarredin l/o Rabat, Malta |
| B1 | Land at tax-Xagħra tal-Bir, ossia Xagħra tar-Razzett tal-Ponta, Mtaħleb l/o Rabat |
| B2 | Land at "Ta' Maċina sive il-Ħotba ta' Binġemma" in the district of Binġemma, l/o Rabat, Malta |
| B3 | Land "tad-Dulliera" otherwise called "Tat-Tulliera" l/o Rabat, Malta |
| B4 | Field "ta' Żarp" in Għajn Tuffieħa Rd, Żebbiegħ, l/o Mġarr, Malta |
| B5 | Land at "Tat-Tulliera tal-Imbordin" in the district of Tal-Ħawli l/o St Paul's Bay |
| B6 | Land at "Għar Ħanżir", in the district of Miżieb ir-Riħ, l/o Nadur, Gozo |
| B10 | ½ of lands and farmhouse "Ta' Ġnien il-Far" Tad-Daħla, at Buskett l/o Rabat, Malta |
| B15 | Land at "Ta' Żarp" off Bidnija Rd, Żebbiegħ, l/o Mġarr, Malta |

[2] Jirriżulta li din inbiegħet fil-mori tal-kawża fid-19 ta' Diċembru 2018 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anna Theuma

| | |
|---|---|
| L1 | Land at "Ta' Ħabel Lonz" l/o Għaxaq |
| L2 | 7/12 of field "Ta' Manfra", l/o Luqa |
| L3 & L19 | Land "Iż-Zebbugia" l/o Mosta |
| L4 | Land at "Ta' Landar Blat", l/o Ta' Qali, Mosta |
| L5 | Field at "Tal-Ħżejjem" l/o Bidnija |
| L6 | Land at "Ta' Għedduma", l/o Għarb, Gozo |
| L7 | Land at "Ta' Skanju" Rabat, Malta |
| L8 | 4/5 share of fields at Tax-Xewk, Rabat, Malta |
| L9 | 1/6 Land "Ta' Binnieri" l/o Siggiewi |
| L10 | "Ta' Noto", l/o Siggiewi |
| L11 | 1/6 of Land at Tal-Iskanċillier, l/o Siggiewi |
| L12 | Ta' Baldok, Mqabba Rd, Siggiewi |
| L13 | Field at Tat-Tumbrell, l/o Żabbar |
| L14 | "Ta' Rangun", l/o Żabbar |
| L15 | "Ta' Baccari, l/o Żurrieq |
| L16 | Land at "Ta' Qabar il-Qarib", l/o Għajnsielem, Gozo |
| L17 | Land at "Ta' Wied Sara", l/o Rabat, Gozo |
| L18 | Land at "Ta' Gourgion", l/o Xewkija, Gozo |
| PG1 | "Tal-Plieri", l/o Rabat, Malta |
| PG2 | Plot of land at "Ta' Ħabel l-Abjad", l/o Zejtun |
| PG3 | Land at Il-Qajjenza, l/o Marsaxlokk |
| PG4 | Land at tar-Ras l/o Marsaxlokk |
| ACA1 | Land at il-Qajjenza, B'Bugia |

Rural Property with building sites

| | |
|---|---|
| B12 | Land tal-Qsajjem, l/o Żebbuġ, Malta |

Graves

| | |
|---|---|
| B17 | Gravesite at Santa Maria Addolorata Cemetery l/o Tarxien |

**Dok B**[3] imbagħad jispjega l-**provenjenza** tal-proprjetajiet (jew ishma minn proprjetajiet) li huma msemmija f' Dok A. Din il-Qorti tosserva li ħafna

[3] Dok 'B' fol 234 323 (Vol. 2)

mill-proprjetajiet huma ndikati bħala provenjenti lill-kontendenti mill-wirt tal-missier, Lino Testaferrata Bonici, mill-wirt tal-omm, Maria Testaferrata Bonici née Testaferrata Moroni Viani u mill-wirt taz-zija (xebba) Beatrice Testaferrata Moroni Viani. Hemm imbagħad numru ta' proprjetajiet li ġew għand il-kontendenti permezz ta' diviżjoni, donazzjoni jew xiri.

Jiġi osservat li fir-rigward tal-proprjeta`:

ACA1 Land at il-Qajjenza, B'Bugia

m'hemmx informazzjoni dwar il-provenjenza tagħha f'**Dok 'B'**. Jirriżulta pero' li l-kontendenti huma azzjonisti fil-kumpanija ACA Ltd u jidher li din l-imsemmija art hija proprjeta' tal-kumpanija[4].

L-atturi ppremettew illi fl-2012 huma u oħthom il-konvenuta kienu ltaqgħu biex jiddiskutu u jiffurmaw il-porzjonijiet tal-proprjetajiet. Qalu li għalkemm saru diversi tentattivi bejniethom biex jifthemu fuq il-porzjonijiet, ma setgħux jaslu għal ftehim dwar il-mod kif kellhom jinqasmu l-proprjetajiet.

Enfasizzaw pero' illi huma u oħthom il-konvenuta kien ftehmu li peress li *"Casa D'Amico"*[5], *"Torri Cumbo"*[6] u *"Aedes Danielis"*[7] huma l-ikbar djar kull waħda minnhom kellha tiġi assenjata dar minnhom.

---

[4] Vide ittra Dok 'AG1' a fol 875 *et seq*, fejn jingħad illi *"This company (ACA Ltd) inter alia owns a property in Qajjenza BirZebbugia."*

[5] **Casa D' Amico & environs** ġiet għand il-kontendenti in parti b'donazzjoni fis-07.09.1966 u in parti b'xiri fil-31.07.1978

[6] **Torri Cumbo & Farmhouse & environs** ġiet assenjata lill-kontendenti bħala l-eredi ta' Lino Testaferrata Bonici permezz ta' diviżjoni fit-12.03.1998

[7] Dwar **Aedes Danielis** l-atturi spjegaw li din tifforma parti mill-primoġenitura Bonici u allura l-konvenuta (bħala oħthom il-kbira) għandha sehem ta' ½ filwaqt li huma għandhom ¼ kull wieħed

L-atturi kkalkulaw (abbażi tal-valutazzjonijiet li għamlu l-periti) illi l-konvenuta għandha tieħu b'valur ta' €7,555,500, u kull waħda minnhom għandha tieħu b'valur ta' €5,477,750[8]. Huma ppreżentaw **Dok 'C1', 'C2', 'C3'**[9] li jindikaw kif, skont huma, għandhom jinqasmu dawn id-djar. Spjegaw illi d-dar *"Aedes Danielis"* għandha tiġi assenjata lill-attriċi Annamaria Spiteri Debono minħabba li tippossjedi proprjeta' li tiġi kontigwa magħha, u skont l-Artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili għandha dritt ta' ozzjoni. Spjegaw ukoll illi d-dar *"Casa D'Amico"* għandha tiġi assenjata lill-konvenuta peress li hija tagħmel u żammet użu ta' *"Casa Aenea"* li tifforma parti minn *"Casa D'Amico"*; ippreċiżaw li dan kif ftehmu t-tlieta li huma meta ltaqgħu f'Lulju 2012. Għalhekk skont l-atturi d-djar il-kbar għandhom jiġu assenjati lill-kontendenti skont dawn il-porzjonijiet:

| **Agnes (C1)** | **Caren (C2)** | **Annamaria (C3)** |
|---|---|---|
| **Casa D'Amico, Lija** | **Torri Cumbo** | **Aedes Danielis** |
| Land Tal-Qajjenza, Mxlokk | Plots 4, 5, 6, 7, M'Xlokk | Land Ħabel Abbat - Zejtun |
| Land Tar-Ras, M'Xlokk | Plots 8, 9, 10, M'Xlokk | Plots 1, 2, & 3, M'Xlokk |
| House Mater Boni Consilii Street, Zejtun | | Land tal-Plieri, Rabat, Malta |
| **Total €7,550,000** | **Total €5,470,000** | **Total €5,491,000** |
| Ekwiparazzjoni mingħand Annamaria: €5,500 | Ekwiparazzjoni mingħand Annamaria €7,750 | Ħlas lil ħutha €13,250 (€5,500 + €7,750) |

[8] Ikkalkulaw li l-konvenuta tieħu iżjed minħabba l-primoġenitura
[9] **Dok 'C1', 'C2', 'C3'**, fol 324, 325, u 326 (Vol. 2) rispettivament

Fit-tieni talba tagħhom fil-fatt huma jitolbu lill-qorti sabiex dawn it-tliet idjar jinqasmu kif hekk suġġerit minnhom f'**Dok 'C1', 'C2' u 'C3',** għalkemm iżidu jgħidu *"jew b'mod ieħor illi tordna l-Qorti."*

L-atturi imbagħad jissuġġerixxu kif, skont huma, għandu jinqasam il-kumplament tal-proprjeta'. Huma ppreżentaw **Dok 'D1', 'D2', u 'D3'**[10] li jirriflettu t-tliet porzjonijiet, u l-proprjetajiet li għandu jikkomprendi kull porzjon. Fit-tielet talba tagħhom huma jitolbu lill-Qorti sabiex il-kumplament tal-proprjeta' tinqasam kif hekk suġġerit minnhom f'**Dok 'D1', 'D2' u 'D3',** għalkemm iżidu jgħidu *"jew b'mod ieħor illi tordna l-Qorti",* u li l-ishma jittellgħu bix-xorti[11].

**<u>Il-proprjeta' ġejja mill-wirt tal-missier, tal-omm u taz-zija Beatrice:</u>**

Kif ingħad, biċċa kbira tal-proprjeta' mertu ta' din il-kawża ġejja minn tliet wirtijiet: ċjoe' (i) <u>l-wirt tal-missier</u>, (ii) <u>il-wirt tal-omm</u>, u (iii) l<u>-wirt taz-zija Beatrice</u>.

L-atturi ppremettew illi fil-każ tal-wirt ta' missierhom, il-"<u>primoġenitura Bonici</u>" għaddiet għand il-kontendenti fil-porzjon ta' nofs (½) lill-konvenuta u kwart (¼) lil kull waħda minnhom (l-atturi). Spjegaw li l-proprjetajiet primaġenjali huma ndikati bl-ittri "PG". Komplew jgħidu li r-rimanenza tal-proprjeta' tal-missier tħalliet lill-kontendenti f'ishma indaqs (ċjoe' ⅓

[10] **Dok 'D1', 'D2', 'D3'**, fol 327, 328, u 329 (Vol. 2) rispettivament
[11] *"…b'dana pero` illi Agnes Gera de Petri tieħu sehmha mill-primagenitura u l-ekwiparazzjoni jekk ikun il-każ mill-beni primaġenjali stess kif suppost, minn liema għandha ½ u mhux mill-proprjeta` li hija ugwalment ipposseduta (i.e. ⅓ kull wieħed) bejn il-kontendenti u li ma tiffurmax parti mill-istess beni primaġenjali."*

indiviż). Fir-rigward tal-wirt ta' ommhom u taz-zija Beatrice, spjegaw li l-kontendenti huma l-uniċi eredi universali f'ishma ndaqs (ċjoe' ⅓ indiviż).

Fir-risposta ġuramentata tagħha l-konvenuta *inter alia* taċċenna għall-fatt li l-proprjeta' mertu tal-kawża odjerna ma tikkomprendix l-assi kollha li għandhom in komuni l-partijiet provenjenti mill-imsemmija tliet wirtijiet, **u tenfasizza li hija ma tagħtix il-kunsens tagħha li ssir diviżjoni parzjali ta' tali tliet wirtijiet.**

Alfred Gera de Petri, ir-raġel tal-konvenuta, li ilu involut fl-amministrazzjoni tal-proprjeta' tagħha sa mill-1979, fl-affidavit tiegħu elenka proprjetajiet provenjenti mill-wirtijiet li tħallew barra minn din il-kawża, ċjoe' tħallew barra minn **Dok 'A'** (u enfasizza li tali lista magħmula minnu mhix neċessarjament waħda eżawrienti, tant li rriserva li jżid magħha):

**(i) mill-wirt tal-missier, Lino Testaferrata Bonici:**

- ¼ indiviż minn "Villa Bonici" f' tas-Sliema, b'ġnien kbir;
- sehem mid-dar 6/9 Sir Mikelangelo Refalo Street, ir-Rabat, Għawdex;
- numru ta' esproprjazzjonijiet ta' art li dwarhom id-Dipartiment tal-Artijiet għadu ma ffinalizzax il-kumpens;
- sehem minn numru ta' ċnus (inkluż dawk indikati fid-Dok 'AGP5')[12];
- sehem mid-dar 4, George Borg Olivier Street, Rabat, Malta
- sehem mid-dar 7 u 8 George Borg Olivier Street, Rabat, Malta
- numru ta' mobbli (inkluż affarijiet li jinsabu fil-Kappella tal-Buon Konsill) u oġġetti oħra bħal statwi tal-irħam u inkwadri taż-żejt

**(ii) mill-wirt tal-omm, Maria Testaferrata Bonici née Testaferrata Moroni Viani:**

[12] Dok 'AGP5', fol 372, (Vol. 2)

- sehem f'305 item ta' proprjeta' (Dok 'AGP 6')[13]
- sehem mid-dar 4, George Borg Olivier Street, Rabat, Malta
- sehem mid-dar 7 u 8 George Borg Olivier Street, Rabat, Malta
- għalqa "Tal-Horrop" fil-Gudja

**(iii) mill-wirt taz-zija Beatrice Testaferrata Moroni Viani:**

- sehem f'305 item ta' proprjeta' (Dok 'AGP 6')
- sehem mid-dar 4, George Borg Olivier Street, Rabat, Malta
- sehem mid-dar 7 u 8 George Borg Olivier Street, Rabat, Malta
- varji oġġetti mobbli li jinsabu f'appartament f'144, Tower Road, Sliema
- ishma fis-soċjetajiet Shane Ltd u Dealings Ltd (Dok ''AGP 7' u 'AGP8')[14] liema soċjetajiet jippossjedu proprjeta' immobbli u ishma f'soċjetajiet ikkwotati fuq il-Borża ta' Malta.

Il-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq, fl-affidavit tagħha kkonfermat il-kontenut tal-affidavit ta' żewġha.

Fix-xhieda tagħha l-attriċi Caren Preziosi kkonfermat li fil-fatt missierha kellu sehem flimkien ma' ħutu mill-proprjeta' Villa Bonici (li tħalliet barra mill-proprjeta' mertu ta' din il-kawża). Ikkonfermat ukoll li mill-wirt ta' ommhom tħalliet barra minn din il-kawża dik il-proprjeta' li tifforma parti mill-kawża ta' diviżjoni fl-ismijiet *"Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq et"* (378/10/FS).

John Spiteri Debono, ir-raġel tal-attriċi Annamaria Spiteri Debono, fl-affidavit tiegħu jikkonferma li l-proprjetajiet elenkati fuq id-**Dok 'A'** ma jinkludux il-proprjetajiet kollha ġejjin mill-wirt tal-missier, tal-omm u taz-

[13] Dok 'AGP6', fol 373 *et seq*, (Vol. 2)
[14] Dok 'AGP7' fol 438 *et seq* (Vol. 2) u DOK 'AGP8', fol 442 *et seq* (Vol. 2)

zija.

Jirriżulta għalhekk li l-proprjeta' mertu tal-kawża odjerna ma tikkomprendix l-assi kollha li għandhom in komuni l-partijiet provenjenti mill-imsemmija tliet wirtijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti dwar l-eċċezzjonijiet preliminari**

*Il-Kap 474 - Att Dwar il-Medjazzjoni u l-ewwel eċċezzjoni:*

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha l-konvenuta ssostni li l-azzjoni hija nulla għaliex hija in vjolazzjoni ta' dak stabbilit kemm mill-Artikolu 23 tal-Kap 474 u hija ukoll *"etikament inammissibbli"* għaliex hija kompletament ibbażata fuq diskors u tentattiv ta' ftehim li sar waqt medjazzjoni ordnata mill-Qorti u li saret taħt is-superviżjoni tagħha in termini tad-digriet u verbali fir-rikors Nru 798/2008 u fir-rikors Nru 797/2008, liema medjazzjoni falliet u għalhekk għandha liġi liberata mill-osservazzjoni tal-ġudizzju.

L-Artikolu 23 tal-Kap 474 (Att Dwar il-Medjazzjoni) li jittratta dwar il-konfidenzjalita' tal-medjazzjoni, jipprovdi hekk:

*(1) Ebda xhieda dwar kliem li jkun intqal jew dwar xi ammissjoni li tkun saret bil-għan ta' medjazzjoni, matulha jew konformement magħha, ma għandha tkun ammissibbli fi proċedimenti, u la għandu u lanqas jista' jiġi mġiegħel li jsir l-iżvelar ta' dik ix-Xhieda f'ebda proċedimenti:*

*Iżda l-iżvelar tal-kontenut tal-ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni jkun permess-*

*(a) fejn dan ikun meħtieġ għal konsiderazzjonijiet prevalenti ta' politika pubblika tal-Istat Membru konċernat, b'mod partikolari*

*meta jkun meħtieġ li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal jew għall-prevenzjoni ta' ħsara fuq l-integrita' fiżika jew psikoloġika ta' persuna; jew*

*(b) fejn l-iżvelar ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni jew għall-infurzar ta' dak il-ftehim.*

*(2) Kull komunikazzjoni jew diskuzzjoni dwar risolviment li ssir minn u bejn il-parteċipanti filwaqt li tkun għaddejja l-medjazzjoni, għandha tibqa' konfidenzjali.*

*(3) Ħlief kif inhu meħtieġ taħt is-subartikolu (4), medjatur ma jista' jippreżenta lil xi Qorti jew korp ta' aġġudikazzjoni ebda evidenza, rapport, stima, valutazzjoni, jew riżultanza ta' ebda xorta li jkun jirrigwarda l-medjazzjoni li huwa jkun qed imexxi għajr rapport li jkun awtorizzat li jsir mill-Qorti jew korp ta' aġġudikazzjoni, u li fih ikun hemm biss imsemmi jekk ikunx intlaħaq kunsens jew le.*

*(4) Medjatur jista' biss jagħti dik l-informazzjoni skont ma tiġi stabbilita taħt is-subartikolu (3) lil xi Qorti jew korp ta' aġġudikazzjoni sakemm il-partijiet kollha fil-medjazzjoni jkunu espressament jaqblu bil-miktub dwar dan."*

Din il-Qorti ma tarax kif il-kawża odjerna tista' titqies li hija "nulla" abbażi ta' dan l-artikolu. L-atturi fl-azzjoni odjerna qegħdin jitolbu d-diviżjoni tal-proprjetajiet indikati f'**Dok 'A'.** Issa jekk it-talba għal tali diviżjoni hix fondata, dan ser teżaminah din il-qorti iktar 'il quddiem, (u *ai termini* ta' dan l-Artikolu 27 mhux ser tagħti piż lil kwalsiasi xhieda dwar kliem li jkun intqal jew dwar xi ammissjoni li tkun saret bil-għan ta' medjazzjoni) iżda ċertament li ma jistax jingħad li tali talba hija "nulla" abbażi tal-Artikolu 27.

Jirriżulta għalhekk li l-**ewwel** eċċezzjoni hija infondata.

*L-Actio Familiæ Erciscundæ u t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet:*

In kwantu l-atturi qegħdin jitolbu diviżjoni ta' proprjeta` li ġejja mill-**wirt** ta' missierhom, ta' ommhom u taz-zija Beatrice, jiġi li l-azzjoni odjerna tikkomprendi fiha l-*Actio Familiæ Erciscundæ.*

Huwa risaput illi f' kawża ta' diviżjoni *familiæ erciscundæ* huwa prerekwiżit li tintalab il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji. B'hekk ikun assigurat li meta l-beni jinqasmu ma jitħalla xejn barra. Dan skont il-prinċipju illi *"iudex familiæ erciscundæ nihil debet indivisum relinquere."*

Diviżjonijiet parzjali m'humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-permess tal-kondividenti kollha li jħallu xi proprjeta' indiviża bejniethom.

Issa l-konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha għamlitha ampjament ċara li hija **ma tridx** li l-proprjeta' li għandha in komuni mal-atturi provenjenti mill-wirt ta' missierhom, ta' ommhom u taz-zija tagħhom tiġi diviża parzjalment.

Tqum il-kwistjoni dwar il-fatt li f'xi żmien, il-konvenuta kienet ikkonsentiet li ssir diviżjoni tal-proprjetajiet elenkati f'**Dok 'A'**, (liema lista ma tinkludix l-assi kollha provenjenti mit-tliet wirtijiet).

Alfred Gera de Petri (ir-raġel tal-konveuta) għamel riferenza għaż-żewġ kawżi li l-konvenuta odjerna għamlet kontra l-atturi odjerni: u ċjoe' dik bin-numru 798/08SM[15] kontra Caren Preziosi, rigwardanti l-proprjeta' ta' *"Torri Cumbo"* li tinsab il-Mosta u dik bin-numru 797/08JZM[16] kontra Annamaria Spiteri Debono rigwardanti l-proprjeta' *"Aedes Danielis"* li tinsab iż-Zejtun.

[15] deċiża 07.02.2017 (kopja a fol 951 *et seq*, Vol. 4)
[16] deċiża 31.01.2017 (kopja a fol 898 *et seq,* Vol. 4)

Spjega li **kien tqabbad medjatur** li żamm numru ta' laqgħat, u li fihom il-partijiet kienu qablu li l-aħjar mod biex jittransiġu l-kawżi pendenti bejniethom kien li ssir diviżjoni tal-mobbli u l-immobbli. Qal li wara li nqasmu l-mobbli bdew jiddiskutu kif ser jaslu għall-qasma tal-immobbli u taż-żewġ soċjetajiet kummerċjali. Enfasizza li l-lista ta' proprjetajiet li huma taw lill-periti (ċjoe' dawk indikati f'Dok 'A' anness mar-rikors ġuramentat) ġiet miftiehma bejn il-partijiet flimkien. Huwa jagħti r-raġunijiet għaliex il-partijiet kienu oriġinarjament ftehmu li ċertu proprjeta' **ma tiġix inkluża** fil-lista tal-proprjeta' li riedu jaqsmu. Kontro-eżaminat spjega li effettivament ma rnexxilhomx jaslu għal ftehim dwar diviżjoni tal-imsemmija proprjetajiet.

L-Avukat tal-atturi, <u>Dr Albert Grech</u>, fix-Xhieda tiegħu rrefera għaż-żewġ kawżi li kienu ġew intavolati mill-konvenuta odjerna fir-rigward ta *"Torri Cumbo"* u *"Aedes Danielis"* u spjega li **kien ġie nnominat il-medjatur Joe Gerada** fir-rigward. Qal li kienu nżammu diversi laqgħat u f'xi stadju, wara li l-partijiet kienu qablu fuq kif kellhom jinqasmu l-effetti mobbli, kienu qablu li jaqsmu l-proprjeta' immobbli: u konsegwentement sar <u>inventarju</u>, ossia lista, tal-proprjetajiet immobbli komuni li kellhom jiffurmaw il-bażi tad-diviżjoni, (ċjoe' l-proprjetajiet elenkati f'Dok 'A') u ftehmu wkoll fuq il-<u>periti</u> li kellhom jivvalutaw tali immobbli. Qal li kien hemm ħafna modalitajiet dwar kif kellhom jitqassmu l-immobbli (ċjoe' f'hiex kellhom jikkonsistu t-tliet porzjonijiet) iżda baqgħu ma qablux. Kontro-eżaminat ammetta li t-trattattivi dejjem kienu *"bla preġudizzju"*.

Il-konvenuta <u>Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq</u> spjegat li hi kienet daħlet fil-proċess ta' medjazzjoni **taħt is-superviżjoni tal-Qorti ma' medjatur** appuntat mill-Qorti sabiex *"nippruvaw naslu f'diviżjoni"*, iżda

minkejja diversi trattattivi hi u ħutha baqgħu ma waslux għal ftehim. Enfasizzat illi kull diskussjoni li saret kienet "*mingħajr preġudizzju*".

Jirriżulta għalhekk pruvat u korroborat, li kwalsiasi kunsens li tat il-konvenuta biex issir diviżjoni tal-proprjetajiet imniżżla f'**Dok 'A'** anness mar-rikors ġuramentat, seħħ fil-kors tal-medjazzjoni.

Tant hu hekk, li meta l-kontendenti baqgħu ma waslux għal ftehim fir-rigward tal-metodu tal-qasma ta' tali proprjetajiet, il-medjatur iddikjara li:

*"the parties have exhausted all possibilities to reach an amicable solution to this issue and I respectfully express that I* ***do not see futher scope for mediation****."*[17]

Kif fuq spjegat, dak kollu li jkun intqal jew ġie miftiehem fil-kors ta' medjazzjoni mhux ammissibbli fi proċedimenti ġudizzjarji. Għaldaqstant ma jistax jitqies għall-finijiet ta' din il-kawża, li l-konvenuta qegħda taqbel li ssir diviżjoni **parzjali** tal-beni provenjenti mill-wirt tal-missier, tal-omm, u taz-zija Beatrice li għandha in komuni mal-atturi (ċjoe' diviżjoni tal-beni provenjenti mill-wirt tal-missier, tal-omm u taz-zija Beatrice **limitata** għal dawk minnhom li jissemmew f'**Dok 'A'**).

L-atturi fin-nota tas-sottomissjonijiet jargumentaw illi kawża ta' diviżjoni ma tirrendix ruħha nulla jew improponibbli għax titħalla barra proprjeta` minn lista' mressqa quddiem il-qorti. Jargumentaw illi *se mai* ir-***"rimedju"*** huwa li l-proprjeta' li tkun tħalliet barra, tiġi miżjuda fil-lista tal-proprjeta' komuni. Din il-Qorti ma taqbilx. Trattandosi (*inter alia*) tal-azzjoni ta' diviżjoni

[17] Rapport tal-medjatur tas-7 ta' Mejju 2013 fol 843 - 845

*familiæ erciscundæ*, fejn f'kull waħda mill-wirtijiet il-kontendenti huma l-uniċi tliet eredi universali, l-atturi kellhom fl-ewwel lok jitolbu likwidazzjoni tal-assi kollha tal-wirtijiet, u fit-tieni lok, wara li jkun stabbilit f'hiex tikkonsisti l-proprjeta' provenjenti mill-wirtijiet li għandhom in komuni mal-konvenuta, jitolbu d-diviżjoni ta' tali proprjeta'.

Għaldaqstant din il-Qorti jirriżultalha li **t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet huma fondati**, u għalhekk l-azzjoni odjerna, in kwantu tirrigwarda talba għad-diviżjoni tal-proprjeta' provenjenti mill-wirt tal-missier, tal-omm u taz-zija, hija nulla.

*<u>L-Actio Comuni Dividendo</u>*

In kwantu l-atturi qegħdin jitolbu diviżjoni ta' proprjeta` komuni akkwistata minnhom permezz ta' **donazzjoni / xiri / diviżjoni**, jiġi li l-azzjoni odjerna tikkomprendi fiha l-*Actio Comuni Dividendo*.

Kontrarjament għall-*Actio Familiæ Erciscundæ*, fl-*Actio Comuni Dividendo* m'hemmx ghalfejn tintalab id-diviżjoni tal-proprjeta' kollha (provenjenti minn **donazzjoni, xiri jew diviżjoni**) li l-kontendenti jkollhom in komuni. Għalhekk in kwantu l-azzjoni odjerna tirrigwarda talba għad-diviżjoni ta' proprjetajiet provenjenti minn **donazzjoni / xiri / diviżjoni** lanqas hu l-każ li wieħed jara jekk tali proprjetajiet humiex kollha mertu ta' din il-kawża (ċjoe' humhiex kollha ndikati fuq **Dok 'A'**).

L-azzjoni odjerna, in kwantu tikkomprendi l-*Actio Comuni Dividendo* tista' titkompla bħala tali.

<u>*It-tieni, is-sitt, is-seba' u t-tmien eċċezzjonijiet:*</u>

Fiċ-ċirkostanzi it-**tieni**, is-**sitt,** is-**seba'** u t-**tmien** eccezzjonijiet ghalhekk ma hemmx lok ta' deliberazzjoni ulterjuri.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti:**

- **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni,**
- **tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet; u**
- **tastjeni milli tikkunsidra t-tieni, is-sitt, is-seba' u t-tmien eċċezzjonijiet.**

**Konsegwentement tiddikjara li l-kawża tista' titkompla bħala l-*Actio Comuni Dividendo* fir-rigward ta' dawk il-proprjetajiet provenjenti minn donazzjoni, xiri jew diviżjoni li huma in komuni bejn il-kontendenti u li huma elenkati fuq Dok 'A'.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza preliminari għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**